**24 ta' Frar, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Kummissarju ta' l-Artijiet

*versus*

Maria Concetta Cassar *et*

**Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Arbitraġġ Dwar Artijiet – *Inappellabilità* – Kontumaċja – Ġustifikazzjoni – Ġustizzja Naturali**

*Skond l-art. 23 tal-Kap. 136 ma hemmx appell mid-deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet dwar ebda waħda mill-materji msemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-istess artikolu.*

*B'danakollu l-intimati talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom u jġibu xi provi, u din it-talba kienet milqugħa. Isegwi għalhekk li ma setgħetx tingħata s-sentenza mingħajr ma qabel issir it-trattazzjoni.*

*Ma jidhirx li hu kkontestat li effettivament trattazzjoni ma kienx hemm. Dan jammonta għal ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali "audi alteram partem".*

Il-Qorti: –

Rat a fol. 25 in-nota ta' l-appell ta' l-intimati kollha u a

fol. 24 sa 26 il-petizzjoni ta' l-appell tagħhom li biha appellaw minn deċiżjoni tas-27 ta' Jannar, 1984 mogħtija mill-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet u talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tiddikjara nulla l-istess deċiżjoni bl-ispejjeż kontra l-appellat;

Rat l-imsemmija deċiżjoni tal-Bord indikat li biha dak il-Bord laqa' t-talbiet tal-Kummissarju ta' l-Artijiet u ordna favuru t-trasferiment b'titolu ta' xiri assoluta tal-biċċa art bil-benefikati msemmija fir-rikors promotorju tal-ġudizzju bħala libera u franka bil-kumpens ta' Lm3027 u nnominat Nutar biex jippubblika l-kuntratt relattiv u avukat biex jidher għall-kontumaċi u pprovdiet ukoll fuq spejjeż u drittijiet;

Rat ir-risposta ta' l-appellat Kummissarju ta' l-Artijiet li biha preliminarjament u *"inter alia"* eċċepixxa illi d-deċiżjoni appellata mhix appellabbli u l-proċedura magħżula mill-appellanti hija irrita u nulla skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 136 "ma hemmx appell mid-deċiżjonijiet tal-Bord dwar ebda waħda mill-materji msemmija" fis-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-istess artikolu;

Ikkunsidrat:

Illi minn eżami tal-proċess relattiv għall-proċeduri fi prim'istanza jidher li ġie vvjolat il-prinċipju ta' l-*"audi alteram partem"* u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

Jidher infatti li għalhekk fis-seduta tad-9 ta' Diċembru, 1983 il-Bord iddiferixxa l-kawża għas-sentenza għas-27 ta' Jannar, 1984, permezz ta' rikors tad-9 ta' Diċembru, 1983 stess l-intimati talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza liema talba ġiet

milqugħa b'digriet tal-Bord tat-12 ta' Diċembru, 1983 biex jiġġustifikaw l-kontumaċja tagħhom u jġibu xi provi. Isegwi għalhekk li fis-27 ta' Jannar, 1984 ma setgħetx tingħata s-sentenza mingħajr ma qabel issir it-trattazzjoni u ma jidhirx li hu kkontestat li effettivament trattazzjoni ma kienx hemm. Dan jammonta għal ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali msemmi billi l-ewwel kellu jiġi ttrattat u deċiż il-punti li l-intimati semmew *fir-rikors imsemmi*;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell billi tiddikjara nulla u irrita d-deċiżjoni appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti, u tirrimetti l-atti tal-kawża lill-Bord għal kontinwazzjoni skond il-liġi.